MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 237/2007

**Maltacom p.l.c. (C22334) u b'digriet tal-5 ta' Dicembru 2007 l-isem tas-socjeta' mbidel ghal GO p.lc.**

**Vs**

**Zimmermann House Projects Limited (C25374)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' erbgha t'elef sitt mija tmienja u erbghin lira u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm4648.24) equivalenti ghal ghaxar t'elef tmien mija sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€10827.48) rapprezentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma' servizzi telefonici bin-numru 21311655, 21311654, 21311445 21311430, u 21338276 (AT262/79 – AC10098226, 10098225, 1009802, 10098084 u 10087350).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 sa fol 12 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fil-5 ta' Ottubru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4648.24 ekwivalenti ghal €10,827.48 bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Awissu 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------